# It-tberik tal-Għid

Bħalissa qed isir it-tberik tal-familji fid-djar. Nirringrazzjawkom talli qed tilqgħu lilna s-saċerdoti li bħal kull sena qed nagħtu d-disponibilità tagħna li niġu nżurukom fi djarkom u nagħtukom il-Barka tal-Għid, sabiex tħossu lill-Mulej qrib tagħkom u miegħu tirxuxtaw speċjalment meta dduqu l-esperjenzi koroh tal-ħajja, li jħallukom bla ħajja.

Qegħdin immexxu mal-programm li ntbagħat fi djarkom. Imma jekk issibu xi diffikultà tiddejqux tikkuntattjawna u tagħtuna d-dettalji biex niġu nżurukom f'ħinijiet oħra. Tajjeb infakkrukom li kull meta jkun hemm xi funeral fil-parroċċa tagħna, it-tberik ta' filgħaxija jibda mis-6.00pm 'il quddiem, skont l-ordni li fihom huma mniżżla d-djar fil-programm.




Napprezzaw il-paċenzja tagħkom, intom u tistennewna. U nirringrazzjawkom meta tħallu l-bieb miftuħ bħala sinjal ċar li tkunu tixtiequ t-tberik. Tajjeb infakkru wkoll li l-offerti kollha li qegħdin tagħtu ser jibqgħu jmorru għall-ħtiġijiet tal-parroċċa tagħna. Grazzi tal-ġenerożità tagħkom. Min għal xi raġuni ma jkunx irċieva l-ikona ta' Ġesù jħabbat "il-bieb tal-qalb" li qed titqassam fi djarkom, jista' jitlobna waħda mill-uffiċċju parrokkjali. Għandna wkoll numru minnhom bl-Ingliż għal min jixtieq.

## Offerta ta' Ħamis ix-Xirka għas-Saċerdoti

Filwaqt li nirringrazzjaw minn qalbna lil dawk kollha li diġà wasslu l-offerta tagħhom għas-Saċerdoti tagħna, inkomplu nħeġġu lil kull min jixtieq jgħin u jsostni lis-Saċerdoti sabiex iwassal l-envelope ta' Ħamis ix-Xirka fl-Uffiċċju jew fil-knisja.

**L-ilbies tat-tfal li ser jirċievu l-Ewwel Tqarbina** ser jingħata nhar l-Erbgħa 22 t'April mill-4.30pm sas-5.45pm, minn Dar San Pietru u San Pawl fi Triq Diċembru 13 (ħdejn il-Każin tal-Banda). Fl-istess ħin ser ikun hemm il-fotografu apposta sabiex jieħu ritratt lit-tfal kollha għall-ktejjeb li jingħatalhom b'tifkira. Jekk possibbli jkun aħjar jekk it-tfal jiġu b't-shirt abjad u ma jilbsux hoodies.
Min ma jistax jattendi għandu jibgħat email fuq nadurparishmxuereb@gmail.com biex tikkordinaw għal ġurnata oħra.

**L-ilbies tat-tfal li ser jirċievu il-Griżma tal-Isqof** ser jingħata nhar l-Erbgħa 29 t'April, mill-4.30pm sas-6.00pm, minn Dar San Pietru u San Pawl fi Triq Diċembru 13 (ħdejn il-Każin tal-Banda). Fl-istess ħin ser ikun hemm il-fotografu apposta sabiex jieħu ritratt lit-tfal kollha għall-ktejjeb li jingħatalhom b'tifkira. Min ma jistax jattendi għandu jibgħat email fuq nadurparishmxuereb@gmail.com sabiex jingħata appuntament ieħor.

Fl-okkażjoni ta' għeluq il-**50 sena mit-twaqqif tal-Praesidium** "Marija Addolorata" aħna l-leġjunarji qed noffru quddiesa b'ringrazzjament lil Alla. Din se ssir nhar l-Erbgħa 22 t'April fis-6.30pm fil-Bażilika. Kulħadd mistieden biex jingħaqad magħna.

**Il-Ħarġa għal Malta** organizzata mill-Għaqda Dun Franġisk Grima se ssir fit-23 t'April. Tluq mill-Pjazza fit-7.45am.

**Il-Ħin tal-Quddies**

**Ħdud u Festi:** 5.30am; 6.30am; 8.30am; 9.45am; 11.00am; 5.00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5.30am; 6.30am; 7.30am; 9.00am; 5.00pm; 6.30pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 7.00am **il-Ħadd:** 6.15am; 10.15am (bl-Ingliż)
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am